MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 283/2008

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Martin (ID 875053M) u Josephine (ID 241556M) konjugi Haber**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ disat elef, tmien mija u erbgha u tletin Euro u erbghin ewrocentezmi (€9,834.40) rapprezentanti bilanc fuq self moghti mis-socjeta’ rikorrenti lill-intimati ai termini ta’ skrittura datata 25 ta’ Frar, 2002 anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok A; liema self fid-data tar-rikors igib in-numru tal-kont bankarju 011-106481-300 (zero, wiehed, wiehed – wiehed, zero, sitta, erbgha, tmienja, wiehed – tlieta, zero, zero); u liema self baqa’ mhux imhallas stante illi l-intimati baqghu moruzi fir-ripagamenti mensili taghhom hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat mar-rikors bhala Dok B.

Il-konvenuti interpellati sabiex ihallsu permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Marzu, 2005 (Dok C), l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu, 2005 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat mar-rikors, u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti esebiti mal-istess rikors u markati “Dok A”, “Dok B” u “Dok C”.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-23 ta' Frar 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' €9,834.40 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta’ Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tal-4 ta’ Marzu 2005 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tat-12 ta’ Awissu 2008, msemmi fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------